MT

BANK ĊENTRALI EWROPEW

**OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**

**ta' l-4 ta'Frar, 2005**

**fuq it-talba tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea**
**dwar proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus, inkluż l-iffinanzjar tat-terroriżmu**

**(CON/2005/2)**

1. Fit-22 ta' Ottubru 2004, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għal opinjoni dwar proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus, inkluż l-iffinanzjar tat-terroriżmu (minn issa 'l quddiem 'id-direttiva proposta').

2. Il-kompetenza tal-BĊE li jagħti opinjoni hija bbażata skond l-ewwel subinċiż ta' l-Artiklu 105(4) tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunita` Ewropea, li jistabbilixxi li l-BĊE għandu jkun ikkonsultat dwar kwalunkwe att tal-Komunita` propost fil-qasam tal-kompetenza tiegħu. Il-kompetenza tal-BĊE li jagħti opinjoni hija bbażata wkoll skond l-Artiklu 105(5) tat-Trattat, billi d-direttiva proposta titratta waħda mill-ħidmiet tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ), jiġifieri li tikkontribwixxi għat-twettiq bla xkiel tal-politika segwita mill-awtoritajiet kompetenti, dwar is-superviżjoni prudenti ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu u dwar l-istabbilta` tas-sistema finanzjarja. Barra minn dan, il-kompetenza tal-BĊE li jagħti opinjoni hija bbażata skond l-Artikli 105(2) u 106(1) tat-Trattat u l-Artikli 16 sa 18 u 21 sa 23 ta' l-iStatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, billi d-direttiva proposta tinkludi dispożizzjonijiet li għandhom implikazzjonijiet għal ċerti ħidmiet tas-SEBĊ. Skond l-ewwel sentenza ta' l-Artiklu 17.5 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

3. Din l-opinjoni hija bbażata skond il-verżjoni tad-direttiva proposta li dwarha l-BĊE kien ikkonsultat, jiġifieri l-verżjoni tat-13 ta' Ottubru, 2004. Il-BĊE jinnota li taħt il-Presidenza Olandiża ġew miżjuda aktar dettalji, imma għal raġunijiet ta' ċarezza se joqgħod lura milli jikkummenta f'din l-opinjoni dwar kwalunkwe verżjoni tad-direttiva proposta li tista' toħroġ wara.

4. L-għan ewlieni tad-direttiva proposta huwa li jiżgura implimentazzjoni u applikazzjoni kkoordinata fost l-iStati Membri ta' l-Erbgħin Rakkomandazzjoni rriveduti tal-Grupp għal Azzjoni Finanzjarja Internazzjonali (minn issa 'l quddiem l-'FATF'). Ir-riżultat tar-reviżjoni ta' l-Erbgħin Rakkomandazzjoni ta' l-FATF, li kienet tlestiet f'Ġunju 2003, huwa qafas imtejjeb u aktar komprensiv ta' standards internazzjonali għall-issalvagwardjar ta' l-integrita` tas-sistema

finanzjarja. B'mod partikolari, l-iskop ta' l-applikazzjoni ta' l-Erbgħin Rakkomandazzjoni kien estiż mill-qasam tal-ħasil tal-flus biex ikopri wkoll l-iffinanzjar tat-terroriżmu. Fuq dan l-isfond, id-direttiva proposta se tipprovdi lis-suq waħdieni b'qafas legali mtejjeb u konsistenti biex jiġġieled il-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu. B'mod partikolari, *inter alia,* huwa propost li: (a) tinkludi l-iffinanzjar tat-terroriżmu fi ħdan il-kunċett tal-ħasil tal-flus; (b) temenda d-definizzjoni ta' 'reat serju' fid-direttiva preżenti dwar il-ħasil tal-flus[1] (minn issa 'l quddiem 'id-Direttiva preżenti dwar il-Ħasil tal-Flus'); (ċ) testendi l-firxa ta' persuni u istituzzjonijiet suġġetti għad-Direttiva preżenti dwar il-Ħasil tal-Flus biex tkopri, *inter alia*, dawk li jipprovdu servizzi ta' *trust* u servizzi tal-kumpaniji w intermedjarji ta' l-assigurazzjoni (meta dawn jaġixxu dwar assigurazzjoni fuq il-ħajja u assigurazzjoni oħra relatata ma' l-investiment), fiż-żewġ każijiet sakemm ma jkunux koperti bid-Direttiva preżenti dwar il-Ħasil tal-Flus; (d) twessa' l-iskop ta' l-applikazzjoni tal-proċeduri dwar il-viġilanza fir-rigward tal-klijent u l-obbligi taż-żamma tar-rekords għal fergħat u sussidjarji fil-propjeta` tal-maġġoranza f'pajjiżi terzi ta' l-istituzzjonijiet koperti bid-Direttiva preżenti dwar il-Ħasil tal-Flus; (e) tipprojbixxi b'mod ċar l-istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk finanzjarji milli jżommu kontijiet anonimi, kotba tal-banek anonimi jew kontijiet f'ismijiet fittizji; (f) tipprojbixxi b'mod ċar l-istituzzjonijiet ta' kreditu milli jidħlu f'relazzjonijiet ta' kummerċ bankarju korrispondenti ma' banek fittizji; (ġ) tistabbilixxi obbligi aktar dettaljati dwar 'kun af il-klijent tiegħek' għall-istituzzjonijiet u persuni suġġetti għad-direttiva proposta, partikolarment f'sitwazzjonijiet fejn hemm riskju ogħla ta' ħasil ta' flus, inklużi relazzjonijiet internazzjonali ta' kummerċ bankarju korrispondenti; (ħ) tħalli lill-iStati Membri japplikaw proċeduri ssimplifikati dwar il-viġilanza f'każijiet fejn ikun hemm riskju żgħir ta' ħasil tal-flus (il-Kummissjoni, assistita minn Kumitat dwar il-Prevenzjoni tal-Ħasil tal-Flus, hija awtorizzata biex tadotta miżuri ta' implimentazzjoni dwar il-kriterji li jiddeterminaw meta r-riskju tal-ħasil tal-flus huwiex żgħir jew kbir); (i) salvi ċerti kundizzjonijiet, tipprovdi għall-għarfien reċiproku tal-proċeduri dwar il-viġilanza fir-rigward tal-klijent imwettqa minn partijiet terzi fi Stati Membri oħra; (j) titlob lill-iStati Membri biex jistabbilixxu taqsimiet ta' intelliġenza finanzjarja biex jiġġieldu b'mod effettiv il-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu; u (k) titlob lill-iStati Membri biex jistabbilixxu sistema ta' liċenzjar jew ta' reġistrazzjoni għall-uffiċċji tal-bdil tal-valuti, kif ukoll għal dawk li jipprovdu servizzi ta' *trust* u servizzi tal-kumpaniji. Il-BĊE jinnota wkoll li d-direttiva proposta tistabbilixxi li, fir-rigward tas-servizz tat-trasmissjoni tal-flus, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet speċjali dwar l-identifikazzjoni tal-klijent, li se jkunu stabbiliti fil-proposta tal-Kummissjoni - li għadha ma ġietx ppubblikata - għal regolament tal-Parlament

---

1 Id-Direttiva 91/308/KEE tal-Kunsill ta' l-10 ta' Ġunju, 1991, dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus (ĠU L 166, 28.6.1991, pġ. 77). Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2001/97/KE (ĠU L 344, 28.12.2001, pġ. 76).

Ewropew u tal-Kunsill dwar dik l-informazzjoni fir-rigward tal-pagatur, ipprovduta flimkien mat-trasferimenti ta' fondi.[2]

5. Fuq nota ġenerali, il-BĊE ifakkar li l-impenn ta' l-Ewrosistema hu li 'tagħmel dak kollu fi ħdan is-setgħa tagħha biex tikkontribwixxi għall-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni ta' miżuri kontra l-użu tas-sistema finanzjarja għal attivitajiet terroristiċi', kif imfisser fl-istqarrija pubblika ta' l-1 ta' Ottubru, 2001, tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE, magħmula bħala konsegwenza ta' l-attakki terroristiċi fl-iStati Uniti fil-11 ta' Settembru, 2001. Fuq dan l-isfond ġenerali, il-BĊE jilqa' bil-qawwi d-direttiva proposta minħabba li hija ssawwar pass importanti lejn it-titjib tal-qafas legali tal-Komunita` fil-protezzjoni ta' l-integrita` tas-sistema finanzjarja, meta wieħed iqis l-isfidi li l-iżviluppi fil-ħasil tal-flus u fl-attivitajiet ta' l-iffinanzjar tat-terroriżmu jġibu magħhom. Il-BĊE jilqa' wkoll id-direttiva proposta billi hi tiffaċilita l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni kkoordinati ta' l-Erbgħin Rakkomandazzjoni ta' l-FATF fost l-iStati Membri, b'hekk tikkontribwixxi għall-konverġenza tal-prattiċi f'dan il-qasam. Din l-applikazzjoni kkoordinata tgħin ukoll biex tinżamm *level playing field* fost l-istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk finanzjarji ta' l-UE. Il-BĊE jilqa' wkoll l-Artikli 37 u 38 tad-direttiva proposta, li jistenna li l-Kummissjoni tadotta miżuri ta' implimentazzjoni, bl-assistenza tal-Kumitat imsemmi hawn fuq, biex tikkunsidra żviluppi tekniċi fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u biex tiżgura applikazzjoni uniformi tad-direttiva proposta. Dawn l-artikli għandom jiżguraw li l-qafas fid-direttiva proposta jibqa' aġġornat u għalhekk effettiv. Barra min dan, dawn l-artikli għandhom jikkontribwixxu għall-applikazzjoni armonizzata tad-direttiva proposta mill-awtoritajiet kompetenti. Kif innutat f'*recital* 2 tad-direttiva proposta, azzjoni tal-Komunita` f'dan il-qasam hija meħtieġa 'sabiex tevita li Stati Membri jadottaw miżuri biex jipproteġu s-sistemi finanzjarji tagħhom, liema miżuri jistgħu jkunu inkonsistenti mal-mod kif is-suq intern jaħdem'.

6. Il-BĊE jinnota li l-applikazzjoni ta' l-Artikli 7 u 30 (li jkopru rispettivament l-obbligi ta' viġilanza fir-rigward tal-klijent u l-proċeduri interni) għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji oħra se tirriżulta f'titjib sostanzjali ta' l-obbligi dwar is-superviżjoni prudenti. Dawn id-dispożizzjonijiet huma konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat ta' Bażel dwar is-Superviżjoni tal-Kummerċ Bankarju dwar il-Viġilanza fir-rigward tal-klijent għall-banek,[3] li jindirizzaw din il-kwistjoni minn perspettiva differenti; fis-sens li l-għan tagħhom hu li jnaqqsu r-riskji operattivi u ta' reputazzjoni għall-banek. Il-BĊE jilqa' dawn l-obbligi mtejba tad-direttiva proposta, billi huma konsistenti ma' l-aħjar prattika aċċettata internazzjonalment. Il-BĊE jinnota wkoll li huwa importanti li fit-traspożizzjoni nazzjonali tad-direttiva proposta, tiġi żgurata l-konsistenza bejn dawn il-proċeduri u l-miżuri nazzjonali li jimplimentaw l-*acquis communautaire*

---

2 L-Implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni Speċjali VII (dwar it-trasferimenti ta' flus b'mod elettroniku) tar-Rakkomandazzjonijiet Speċjali ta' l-FATF dwar l-Iffinanzjar tat-Terroriżmu.

3 Il-Kumitat ta' Bażel dwar is-Superviżjoni tal-Kummerċ Bankarju, 'Il-Viġilanza fir-rigward tal-klijent għall-banek', Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali, Ottubru 2001.

fil-qasam tas-superviżjoni prudenti ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu u ta' istituzzjonijiet finanzjarji oħra, notevolment fir-rigward tas-superviżjoni ta' gruppi bankarji u finanzjarji. Għal dan il-għan, l-applikazzjoni konsistenti u kkoordinata ta' l-obbligi dwar il-viġilanza fir-rigward tal-klijent mill-awtoritajiet kompetenti, għandha titfittex, u se tkun ta' rilevanza partikolari f'leġiżlazzjoni fejn l-infurzar tal-konformita` ma' l-istandards dwar il-viġilanza fir-rigward tal-klijent huwa fdat lil awtoritajiet oħra minbarra r-regolatur prudenti għall-banek. Il-konsistenza u l-koordinazzjoni għandhom inaqqsu wkoll il-piż tal-konformita` regolatorja f'livel internazzjonali. B' mod partikolari, il-BĊE josserva li l-konformita` ma' l-obbligi dwar il-viġilanza fir-rigward tal-klijent hija marbuta wkoll mar-riskju operattiv, li huwa ttrattat fil-proposta għall-ibbozzar mill-ġdid tad-Direttiva kkonsolidata dwar il-Kummerċ Bankarju u d-Direttiva dwar l-Adegwatezza tal-Kapital[4]. Din ir-rabta toħroġ mill-fatt li t-telf li jirriżulta direttament[5] minn viġilanza inadegwata fir-rigward tal-klijent jaqa' fi ħdan l-iskop tar-riskju operattiv, iddefinit fl-Artiklu 4 tad-Direttiva proposta dwar il-Kummerċ Bankarju kkonsolidata biex tinkludi dak ir-riskju tat-telf li jirriżulta minn proċessi interni, nies u sistemi inadegwati jew li ma rnexxewx. Għalhekk il-maniġment tar-riskju operattiv, kif mitlub fl-Anness V, punt 11 tad-Direttiva proposta dwar il-Kummerċ Bankarju kkonsolidata, jiġbor ukoll fih il-politika u l-proċeduri mitluba skond l-Artikoli 7 u 30 tad-direttiva proposta. B' mod aktar ġeneriku, skond l-Artiklu 22 tad-Direttiva proposta dwar il-Kummerċ Bankarju kkonsolidata, għandhom jiġu mposti fuq il-banek, obbligi biex dawn ikollhom proċessi biex jimmaniġġjaw ir-riskji kollha materjali attwali u futuri, liema riskji jkunu jinkludu wkoll ir-riskju ta' reputazzjoni li jirriżulta minn viġilanza inadegwata fir-rigward tal-klijent. Il-BĊE jippreżenta li din l-interazzjoni għandha tiġi ndirizzata b'mod ċar fl-Artikli 7 u 30 tad-direttiva proposta. Ta' lanqas, l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha relatati u s–superviżjoni sussegwenti mill-awtoritajiet kompetenti għandha tkun konsistenti biex tevita kwalunkwe piż esaġerat fuq l-istituzzjonijiet affettwati.

7. Il-BĊE jinnota li l-Artiklu 11(1) tad-direttiva proposta jistabbilixxi obbligi mtejba dwar il-viġilanza fir-rigward tal-klijent fil-konfront ta', *inter alia*, 'relazzjonijiet internazzjonali ta' kummerċ bankarju korrispondenti ma' istituzzjonijiet ta' kreditu minn Stati Membri oħra jew pajjiżi terzi'. Din id-dispożizzjoni tfittex biex timplimenta ir-Rakkomandazzjoni 7 ta' l-Erbgħin Rakkomandazzjoni ta' l-FATF, li tkopri relazzjonijiet internazzjonali ta' kummerċ bankarju korrispondenti. Kif osservat fil-memorandum spjegattiv mad-direttiva proposta, relazzjonijiet internazzjonali ta' kummerċ bankarju huma qasam fejn ir-riskju tal-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu huwa partikolarment kbir, u għalhekk jeħtieġu attenzjoni partikolari.

---

4 Proposta tal-Kummissjoni għal direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-abbozzar mill-ġdid tad-Direttiva 2000/12/KE ta' l-20 ta' Marzu, 2000, dwar il-bidu u s-segwiment tan-negozju ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu u Direttiva tal-Kunsill 93/6/KEE tal-15 ta' Marzu, 1993, dwar l-adegwatezza tal-kapital ta' ditti ta' l-investiment u istituzzjonijiet ta' kreditu, 14.7.2004 , COM(2004) 486 finali.

5 It-telf indirett li jirriżulta mill-ħsara lir-reputazzjoni ta' istituzzjoni ma jagħmilx parti mir-riskju operattiv.

8. Il-BĊE jinnota wkoll li l-obbligi mtejba dwar il-viġilanza fir-rigward tal-klijent applikabbli għal relazzjonijiet internazzjonali ta' kummerċ bankarju korrispondenti ma' japplikawx għal relazzjonijiet ta' kummerċ bankarju korrispondenti bejn żewġ istituzzjonijiet ta' kreditu fl-istess Stat Membru. Madankollu, l-għażla tal-kliem ta' l-Artiklu 11(1) tad-direttiva proposta ma jidhirx li kkunsidra s-sistema partikolari ta' l-UE dwar l-għarfien reċiproku, kif stabbilit fid-Direttiva kkonsolidata dwar il-Kummerċ Bankarju[6]. Huwa dubjuż jekk relazzjonijiet ta' kummerċ bankarju bejn istituzzjonijiet ta' kreditu f'żewg Stati Membri differenti għandhomx, kif ikkontemplat bid-direttiva proposta, ikunu ikkunsidrati bħala sitwazzjonijiet ta' riskju kbir fejn jeħtieġu evalwazzjoni ta' *inter alia* l-'kwalitaċ tas-superviżjoni' ta' istituzzjoni ta' kreditu fi Stat Membru ieħor jew ir-'reputazzjoni' ta' istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata minn Stat Membru ieħor. Il-BĊE għalhekk jissuġġerixxi li d-direttiva proposta teżenta istituzzjonijiet ta' kreditu minn Stati Membri oħra mill-obbligi mtejba dwar il-viġilanza fir-rigward tal-klijent fil-konfront ta' relazzjonijiet internazzjonali ta' kummerċ bankarju korrispondenti, abbażi tas-sistema ta' l-UE dwar l-għarfien reċiproku.

**(i) L-obbligi ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu fil-konfornt tal-banek ċentrali skond id-direttiva proposta**

9. Kwistjoni ta' interess partikolari għall-komunita` bankarja ċentrali hija jekk huwiex maħsub, li l-obbligi mtejba dwar il-viġilanza fir-rigward tal-klijent fid-direttiva proposta għal dak li għandu x'jaqsam ma' relazzjonijiet internazzjonali ta' kummerċ bankarju korrispondenti, għandhomx japplikaw għal relazzjonijiet ta' kummerċ bankarju korrispondenti ta' banek ċentrali barra l-UE (kif ukoll dawk fl-UE) ma' istituzzjonijiet ta' kreditu ta' l-UE. Il-euro hija wżata ħafna bħala valuta ta' riżerva internazzjonali, u b'riżultat ta' dan ħafna banek ċentrali barra l-UE u awtoritajiet monetarji għandhom relazzjonijiet ta' kummerċ bankarju korrispondenti ma' istituzzjonijiet ta' kreditu ta' l-UE. Fl-iStati Uniti, id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-Istati Uniti dwar il-PATRIOT[7] li jeżiġu ċertifikazzjoni għal dak li għandu x'jaqsam ma' kontijiet korrispondenti amministrati, stabbiliti jew miżmuma f'isem banek barranin, ma japplikawx għal kwalunkwe bank ċentrali barrani jew awtorita` monetarja li tiffunzjona bħala bank ċentrali, jew kwalunkwe istituzzjoni finanzjarja internazzjonali, jew bank għall-iżvilupp reġjonali stabbiliti permezz ta' trattat jew ftehim internazzjonali. Minħabba li relazzjonijiet ta' kummerċ bankarju korrispondenti ma' banek ċentrali, awtoritajiet monetarji u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali mhumiex ġeneralment assoċjati ma' riskju kbir ta' ħasil ta' flus jew iffinanzjar ta' terroriżmu, bl-eċċezzjoni ta' l-istituzzjonijiet mill-pajjiżi li jinsabu mniżżla fil-lista ta' l-FATF dwar pajjiżi u territorji li ma jikkoperawx, il-BĊE jirrikkmanda l-inkorporazzjoni ta' eżenzjoni simili fl-obbligi mtejba dwar il-viġilanza fir-rigward

---

6 Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu, 2000, dwar il-bidu u s-segwiment tan-negozju ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 126, 26.5.2000, pġ. 1). Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/69/KE (ĠU L 125, 28.4.2004, pġ. 44).

7 *Uniting and Strengthening America by Providing Appropriate Tools Required to Intercept and Obstruct Terrorism Act of 2001*. (Att ta' l-2001 dwar l-Unita` u t-Tisħiħ ta' l-Amerka permezz tad-disponibilita` ta' għodod xierqa u meħtieġa biex it-terroriżmu jiġi miġġieled u mwaqqaf.)

tal-klijent fid-direttiva proposta għal dak li għandu x'jaqsam ma' relazzjonijiet internazzjonali ta' kummerċ bankarju korrispondenti.

10. Fuq nota simili, il-BĊE jinnota li skond l-Artiklu 23 ta' l-iStatut, 'il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jistabbilixxu relazzjonijiet ma' banek ċentrali u istituzzjonijiet finanzjarji f'pajjiżi oħra, u fejn xieraq, ma' organizzazzjonijiet internazzjonali … [u] jwettqu kull tip ta' tranżazzjonijiet bankarji dwar pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali … '. It-twettiq kunfidenzjali ta' tranżazzjonijiet bankarji f'isem tali banek ċentrali klijenti u organizzazzjonijiet internazzjonali klijenti barra l-UE, kif ukoll dawk ta' l-UE, huwa ta' importanza kritika. Mhuwiex ċar jekk il-kontropartijiet tal-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) fl-Ewrosistema – per eżempju, l-istituzzjonijiet ta' kreditu – ikollhomx japplikaw il-proċeduri dwar il-viġilanza fir-rigward tal-klijent skond id-direttiva proposta, meta dawn jirċievu fondi poġġuti minn BĊNi f'isem klijenti li huma banek ċentrali jew organizzazzjonijiet internazzjonali. Ikun għalhekk ta' għajnuna jekk id-direttiva proposta tista' tiġi emendata sabiex titlob lill-iStati Membri jħallu lill-istituzzjonijiet u lill-persuni koperti minnha, biex ma japplikawx il-viġilanza fir-rigward tal-klijent fil-konfront tal-BĊE u tal-BĊNi fis-SEBĊ, inkluż meta jaġixxu f'isem klijenti terzi. Fil-prattika, il-banek ċentrali jirrappreżentaw riskju żgħir ħafna ta' ħasil ta' flus u referenza espliċita għal banek ċentrali żżid iċ-ċarezza legali.

**(ii) L-obbligi tal-banek ċentrali skond id-direttiva proposta**

11. Bħal ma hu l-kas bid-Direttiva dwar il-Ħasil tal-Flus, id-direttiva proposta tapplika għal istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk finanzjarji (Artiklu 2(1)). Mhuwiex ċar jekk il-banek ċentrali nfushom jaqgħux fl-iskop tad-direttiva proposta. Għal raġunijiet ta' ċarezza legali, il-BĊE jilqa' dan jekk l-Artiklu 2 tad-direttiva proposta jiġi emendat biż-żieda ta' paragrafu separat, li skondu l-banek ċentrali għandhom jevalwaw sa liema qies huma jsarrfu riskju li jintużaw għall-ħasil tal-flus, u fejn ikun hemm riskju materjali ta' ħasil ta' flus, huma għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li huma jikkonformaw ma' l-għanijiet tad-direttiva proposta.

12. L-Artiklu 7(3) tad-direttiva proposta jipprovdi li, fir-rigward tas-servizz tat-trasmissjoni tal-flus, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet speċjali dwar l-identifikazzjoni tal-klijent li se jkunu stabbiliti fil-proposta tal-Kummissjoni - li għadha ma ġietx ppubblikata - għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dik l-informazzjoni fir-rigward tal-pagatur, ipprovduta flimkien mat-trasferimenti ta' fondi (minn issa 'l quddiem 'l-abbozz tar-regolament')[8]. L-iskop ta' l-abbozz tar-regolament huwa li jiżgura li l-informazzjoni bażika fir-rigward tal-pagatur tista' tiġi akkwistata minnufih mill-awtoritajiet kompetenti biex tassistihom fil-ġlieda kontra l-iffinanzjar tat-terroriżmu. L-abbozz tar-regolament japplika għal trasferiment ta' fondi fi kwalunkwe valuta li huma mibgħuta, riċevuti, jew kemm mibgħuta u riċevuti, permezz ta' persuna li tipprovdi servizz

---

8 Il-BĊE jassumi li din id-dispożizzjoni se tiġi emendata jekk il-Kummissjoni ma ppubblikatx il-proposta tagħha qabel id-dħul fis-seħħ tad-direttiva proposta.

ta' ħlas stabbilita fl-UE[9]. L-abbozz tar-regolament jinkludi wkoll obbligi applikabli għal persuni li jipprovdu servizz ta' ħlas dwar il-pussess ta' dik l-informazzjoni fir-rigward tal-pagaturi, ipprovduta flimkien mat-trasferimenti ta' fondi[10]. Id-dispożizzjonijiet fid-direttiva proposta dwar l-informazzjoni fir-rigward tal-pagatur ma jidhrux li jeżentaw l-applikazzjoni ta' proċeduri oħra dwar il-viġilanza fir-rigward tal-klijent għas-servizz tat-trasmissjoni tal-flus, inkluża l-identifikazzjoni tas-sid benefiċjarju. Jidher għalhekk li d-direttiva proposta tapplika ġeneralment għall-operat tas-sistemi tal-ħlas. B'mod partikolari, l-Artiklu 7(1)(b) tad-direttiva proposta jgħid li l-identifikazzjoni tas-sid benefiċjarju tagħmel parti mill-obbligi dwar il-viġilanza fir-rigward tal-klijent, u l-Artiklu 3(8) jipprovdi li sid benefiċjarju jfisser, *inter alia*, il-persuna naturali li għalih it-tranżazzjoni jew l-attivita` qed tiġi mwettqa. Huma relevanti f'dan ir-rigward il-partikularitajiet ta' l-istruttura tas-sistemi tal-ħlas. Bħal fil-kas tas-servizzi postali, l-operaturi tas-sistemi tal-ħlas huma biss responsabbli għall-ġbir ordnat, it-tqassim, il-klassifikazzjoni, it-trasferiment u t-tqassim (il-kunsinna) ta' l-'invilops', i.e. messaġġi ta' ħlas, imma ġeneralment la għandhom il-mandat biex, lanqas il-possibbilta` teknika li, jaqraw jew jiċċekkjaw il-kontenut ta' l-invilops. Verifika dwar l-identita` ta' l-oriġinatur u tal-benefiċjarju, inklużi l-ismijiet u l-indirizzi tagħhom, tista' ssir biss mill-persuni rispettivi tagħhom li jipprovdulhom servizz finanzjarju. Dan huwa konformi ma' l-obbligi tad-Direttiva preżenti dwar il-Ħasil tal-Flus, kif implimentata fil-liġijiet nazzjonali ta' l-iStati Membri. Madankollu, minħabba li sistemi ta' ħlas moderni joffru pproċessar kollu awtomatiku ta' informazzjoni, mhumiex kapaċi jwettqu kwalunkwe forma ta' verifika ta' kwalita`, u s-soltu ma jkollhomx relazzjoni fin-negozju ma' l-oriġinatur jew il-benefiċjarju aħħari ta' xi ħlas. L-operaturi tas-sistemi tal-ħlas jistgħu jiċċekkjaw biss il-preżenza ta' xi informazzjoni f' xi qasam; ma jistgħux jiċċekkjaw il-kwalita`, il-kompletezza, il-preċiżjoni jew in-nuqqas ta' sens ta' dik l-informazzjoni. Il-BĊE huwa għalhekk ta' l-opinjoni li l-operaturi tas-sistemi tal-ħlas għandhom ikunu eżentati mill-applikazzjoni ta' l-Artiklu 7(1)(b) tad-direttiva proposta, mingħajr preġudizzju għall-obbligazzjoni tagħhom li jassiguraw li l-ordnijiet tal-ħlas mdaħħla f'dawn is-sistemi jistgħu jinstabu b'mod effettiv permezz ta' identifikazzjoni xierqa tal-parteċipanti tas-sistema. Għal dan il-għan, f'xi każijiet, ġie ppromulgat regolament dwar is-superviżjoni tal-bank ċentrali.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fl-4 ta' Frar, 2005.

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET

9 L-Artikli 1(1), 1(2), 3 u 4 ta' l-abbozz tar-regolament.

10 L-Artiklu 5 ta' l-abbozz tar-regolament.